# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# UFFIĊJAL REVIŻUR

**MAĠISTRAT DR. NOEL BARTOLO**
**B.A. M.A.(Fin. Serv.) LL.D.**

**Illum 20 ta' Mejju 2024**

**Michael Piccinino ID 0164595(M) f'ismu personali u fil-kawlita tiegħu ta' Segretarju Ġenerali tal-Partit Nazzjonalista u għan-nom u in rapprezentanza tal-Partit Nazzjonalista**

**vs**

**Olivia Sammut ID 0513383(M) u l-Kummissjoni Elettorali**

**Numru fuq il-Lista: 4**
**Rikors Elettorali Numru 58/24 NB**

**L-Ufficjal Reviżur,**

**I. PRELIMINARI**

**Ra r-Rikors ta' Michael Piccinino ID 0164595(M) f'ismu personali u fil-kawlita tiegħu ta' Segretarju Ġenerali tal-Partit Nazzjonalista u għan-nom u in rapprezentanza tal-Partit Nazzjonalista ppreżentat fis-26 ta' April 2024** permezz ta' liema talab lill-Uffiċjal Reviżur jordna lill-Kummissjoni Elettorali sabiex tikkoreġi r-Reġistru Elettorali rivedut għall-Elezzjonijiet Ġenerali, r-Reġistru Elettorali Rivedut għall-Kunsilli Lokali u r-Reġistru Elettorali Rivedut tal-Unjoni Ewropea li ġew ippublikati fil-Gazzetta tal-Gvern tal-20 ta' April 2024 fis-sens illi l-indirizz tal-elettur intimata Olivia Sammut jiġi mibdul għal dak fejn l-istess elettur effettivament tgħammar u cioe' 56 Orchids, Triq in-Nirien, is-Siġġiewi;

**Ra li l-Kummissjoni Elettorali u l-elettur intimata ġew debitament notifikati u deheru quddiem l-Uffiċjal Reviżur fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2024.**

**Ra l-verbal tas-seduta tas-16 ta' Mejju 2024 fejn wara li xehedet l-elettur intimata Olivia Sammut** waqt l-imsemmija seduta, ir-rappreżentant tal-Kummissjoni Elettorali Savio Borg iddikjara li l-imsemmija Kummissjoni tirrimetti ruħha għat-talba tar-Rikorrenti *pro et noe*;

**Sema' x-xhieda tal-elettur intimata Olivia Sammut ID 0513383(M)** mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Mejju 2024;

**Ra l-atti kollha tal-każ;**

**Ra li r-rikors tħalla għallum għad-deċiżjoni;**

**II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

Permezz ta' dawn il-proċeduri r-Rikorrenti *pro et noe* qed jitlob lill-Uffiċjal Reviżur jordna lill-Kummissjoni Elettorali sabiex tikkoreġi r-Reġistru Elettorali rivedut għall-Elezzjonijiet Ġenerali, r-Reġistru Elettorali Rivedut għall-Kunsilli Lokali u r-Reġistru Elettorali Rivedut tal-Unjoni Ewropea li ġew ippublikati fil-Gazzetta tal-Gvern tal-20 ta' April 2024 fis-sens illi l-indirizz tal-elettur intimata **Olivia Sammut ID 0513383(M)** li huwa indikat fl-istess Reġistru bħala li huwa Binja Silvio Parnis, Mais 601, Triq Dun Manwel Zammit, is-Siġġiewi, jiġi mibdul għal dak fejn l-istess elettur effettivament tgħammar u cioe' 56 Orchids, Triq in-Nirien, is-Siġġiewi.

***Ikkunsidra***

Għalkemm fir-rikors tiegħu, r-rikorrent *pro et noe* ma ndikax l-artikolu tal-liġi taħt liema qed jibbaża t-talba tiegħu jidher ċar mill-premessi u t-talbiet li l-azzjoni tiegħu hija waħda msejsa fuq l-Artikolu 40 tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali, li jaqra hekk:

> *"40.(1) Kull elettur reġistrat li jgħid li xi persuna oħra li isimha jidher fir-Reġistru Elettorali jew ma għandhiex jedd li tkun reġistrata bħala elettur, jew, li l-isem, l-indirizz jew partikolaritajiet oħra relattivi tagħha ma humiex murija b'mod korrett fir-Reġistru Elettorali skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, ikollu dritt ta' appell lill-Uffiċjal Reviżur mhux aktar tard minn wieħed u għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tar-Reġistru Elettorali jew sabiex jinqata' barra isem dak l-elettur mir-Reġistru Elettorali jew sabiex ismu, l-indirizz jew partikolaritajiet oħra tiegħu jidhru b'mod korrett.*
>
> *(2) Uffiċjal Reviżur jista' jordna t-tħassir tar-reġistrazzjoni ta' dak l-elettur jew il-korrezzjoni ta' ismu, l-indirizz jew partikolaritajiet oħra tiegħu skont is-subartikolu (1) minkejja li ma tkun saret ebda applikazzjoni qabel lill-Kummissjoni għal dak il-għan."*

Kif qalet il-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni tagħha **tal-15 ta' Mejju 2024 fil-proċeduri fl-ismijiet Michael Piccinino pro et noe vs Elizabeth Ann Abela et Rikors numru 16/2024/1 GV:**

*15. Tajjeb li jingħad ukoll, li d-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali dwar it-tiswija tar-reġistru elettorali jgħoddu bl-istess mod għall-korrezzjoni tar-reġistru elettorali tal-Unjoni Ewropea (ara Artikolu 13(2) tal-Att dwar Elezzjonijiet Għall-Parlament Ewropew). Daqstant ieħor huwa siewi li jiġi osservat li skont l-Artikolu 7 tal-Att dwar Gvern Lokali, il-persuni li għandhom jedd li jivvotaw f'elezzjoni ta' Kunsilli Lokali huma dawk il-persuni li jkunu reġistrati bħala votanti f'dik it-taqsima tar-reġistru elettorali jew tar-reġistru elettorali tal-Unjoni Ewropea.*

Kif ingħad fil-każ in diżamina r-rikorrent *pro et noe* qed jitlob li r-Reġistru Elettorali in meritu jiġi kkoreġut fis-sens li l-indirizz tal-elettur intimata **Olivia Sammut ID 0513383(M)** li huwa indikat fl-istess Reġistru bħala li huwa Binja Silvio Parnis, Mais 601, Triq Dun Manwel Zammit, is-Siġġiewi, jiġi mibdul għal dak fejn l-istess elettur effettivament tgħammar u cioe' 56 Orchids, Triq in-Nirien, is-Siġġiewi.

**L-Artikolu 22 tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali** (Kap 354 tal-Liġijiet ta' Malta) jipprovdi hekk:

*22. Min ikollu l-jedd li jiġi reġistrat għall-vot għandu jiġi **biss reġistrat fid-distrett u bl-indirizz li fih huwa soltu jgħammar**[1].*

Fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2024 xehedet l-elettur intimata **Olivia Sammut ID 0513383(M)** prodotta mir-rikorrenti *pro et noe* li kkonfermat bil-ġurament li l-indirizz residenzjali tagħha u l-post fejn soltu tgħammar huwa **56 Orchids, Triq in-Nirien, is-Siġġiewi**.

Il-Kummissjoni Elettorali ddikjarat li abbażi tax-xhieda tal-elettur intimata hija tirrimetti ruħha għat-talba tar-Rikorrenti *pro et noe* biex l-indirizz tal-elettur jiġi kkoreġut fir-Registru Elettorali kif mitlub.

## III. KONKLUŻJONI

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk u peress illi f'dan il-każ l-elettur intimata **Olivia Sammut ID 0513383(M)** ikkonfermat bil-ġurament li l-indirizz residenzjali tagħha u l-post fejn soltu tgħammar huwa **56 Orchids, Triq in-Nirien, is-Siġġiewi** u għalhekk il-korrezzjoni mitluba mir-rikorrenti *pro et noe* hija ġustifikata u debitament ippruvata, l-Uffiċjal Reviżur qiegħed jilqa' t-talba tar-Rikorrenti *pro et noe* u jordna li l-Kummissjoni Elettorali tikkoreġi l-indirizz tal-elettur intimata **Olivia Sammut ID 0513383(M)** sabiex dan jaqra **56 Orchids, Triq in-Nirien, is-Siġġiewi** u dana fir-Reġistru Elettorali rivedut għall-Elezzjonijiet Ġenerali, fir-Reġistru Elettorali Rivedut għall-Kunsilli Lokali u fir-Reġistru Elettorali Rivedut tal-Unjoni Ewropea li ġew ippublikati fil-Gazzetta tal-Gvern tal-20 ta' April 2024.

**Maġistrat Dr. Noel Bartolo - Ufficjal Reviżur**

[1] Enfasi tal-Uffiċjal Reviżur